MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2014

Numru 175/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**(Spettur Silvio Magro)**

**Vs**

**Miguel Angel Aguado Alonso**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Miguel Angel Aguado Alonso ta’ 58 sena, iben Ricardo Justo u Maria Carmen, imwieled gewwa Madrid Spanja nhar is-16/02/1956 u presentament residenti gewwa l-Plaza Hotel tas-Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita Spanjola Nru. 04138433C, gie akkuzat talli:

Fil-15 ta’ Frar 2014 ghall-habta tat-3.00pm f’dawn il-gzejjer u cioe’ gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta.

(1) b'nuqqas ta'  ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-Kuntistabbli tal-Pulizija 900 David Cauchi hekk kif iċċertifika Dr. Maria Tabone MD Reg. No. 3609 u feriti ta' natura ħafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-Kuntistabbli tal-Pulizija 182 Omar Scicluna hekk kif iċċertifika Dr. Satya Brata Das MD Reg. No. 2141 u dan ai termini ta' l-artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara ghad-detriment tal-kumpanija Hertz kif ukoll tal-kumpanija MIA u dan ai termini ta' l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat li, fl-udjenza ta` llum stess, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja ;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi dak inhar ta` l-incident l-imputat flimkien ma martu kienu ghadhom kif waslu ghall-btala gewwa Malta. Minkejja li kienu krew vettura manwali, huma inghataw vettura *automatic*, anki jekk l-imputat u martu ipprotestaw ghal dan. Gara illi meta hargu u bdew isuqu tali vettura, huma kienu vittmi ta` *hit and run*. Minnufih huma marru l-ghassa tal-pulizija ta` l-ajruport internazzjonali ta` Malta sabiex jaghmlu rapport dwar dan. Meta lestew ir-rapport, dahlu fil-vettura biex ikomplu fi triqithom. Fuq barra kien hemm zewg pulizija biswit l-ghassa meta f'daqqa wahda, l-imputat, minflok irriversja, mexa 'l quddiem bil-vettura u minflok ghafas il-*brake*, ghafas il-pedala l-ohra bil-konsegwenza li saq accidentalment fid-direzzjoni tal-pulizija. Wiehed mill-pulizija sofra feriti hfief filwaqt li l-iehor sofra feriti gravi peress illi tilef zewg sinniet. Dan kien incident sfortunat ghal kulhadd li kien involut. Issejhet l-ambulanza ghaz-zewg pulizija imwegga u l-ufficjal prosekutur ha hsieb ukoll li l-imputat u martu jigu osservati mit-team mediku f'kaz li dawn kienu sofrew xi griehi wkoll. Huma kienu jidhru ferm inkwetati b'dak li sehh u kienu jidhru vizibbilment kommossi. Naturalment u skond il-ligi, l-pulizija ippocediet b'xogholha billi ghamlet l-accertamenti mehtiega dawr l-incident li kien sehh. Sussegwenti ghal dan l-incident, l-imputat tressaq il-Qorti biex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet dedotti.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. Illi dan kien incident ferm sfortunat, kemm ghall-pulizija li kienu fuq xogholhom kif ukoll ghall-imputat u martu li kienu ghadhom kif ser jibdew il-btala taghhom gewwa Malta;

b. Il-koperazzjoni assoluta ta` l-imputat; minn naha taghhom il-pulizija taw l-ghajnuna kollha mehtiega lill-

imputat u martu – apparti li kienu fl-obbligu li jaghmlu hekk, izda tant kemm kien incident sfortunat, illi effettivament hassew hafna ghalihom;
c. il-genwinita` ta` l-imputat meta fi kliemu spjega xi gralu fil-mument krucjali u kif bi zball ghafas il-gass minflok il-*brake*;
d. l-ammissjoni ta` l-imputat fl-ewwel udjenza, u l-fatt li anki fl-awla tal-Qorti, kemm l-imputat u martu kienu jidhru ferm inkwetati b'dak li kien sehh;
e. is-sottomissjoni, tista tghid konguntiva, tad-difiza u tal-prosekuzzjoni illi dan il-kaz gie mressaq bhala feirti gravi biss minhabba telf ta` zewg sinniet; u l-invit taghhom sabiex din il-Qorti tqis f'dan il-kuntest dak li ddecidiet l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Spagnol" (VDG 12.09.1996). In effetti, din il-Qorti qed taghmel taghha u applikabbli ghal dan il-kaz, il-konsiderazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali fis-sentenza msemmija.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 226(1) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Miguel Angel Aguado Alonso hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' tmien (8) xhur mill-llum.

Il-Qorti fissret lil Miguel Angel Aguado Alonso bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------